MALTA

ATT Nru. VII ta' l-2007

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12.

ACT No. VII of 2007

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Code of Organization and Civil Procedure, Cap. 12.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

EDWARD FENECH ADAMI
President

26 ta' Ġunju, 2007

ATT Nru VII ta' l-2007

ATT li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att ta' l-2007 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħa "il-Kodiċi". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Att għandu jibda' jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

2. L-artikolu 7 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 7 tal-Kodiċi.

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħal s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1), kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdied s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) Il-Prim Imħallef jista' jaħtar wieħed mill-maġistrati bħala Maġistrat Anzjan; dik il-ħatra tkun għal żmien speċifikat jew sakemm jinħatar maġistrat ieħor f'dik il-kariga.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra li tippreskrivi l-qorti jew il-qrati li fihom maġistrat għandu jippresjedi, il-Maġistrat Anzjan għandu jwettaq dawk id-dmirijiet u funzjonijiet li jistgħu jiġu assenjati lilu mill-Prim Imħallef jew kif jista' jiġi preskritt minn xi liġi li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien.".

Emenda ta' l-artikolu 9 tal-Kodiċi.

3. Fl-artikolu 9 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "barra minn dawk li għalihom taħtarhom il-liġi" għandhom jidħlu l-kliem "barra minn attivitajiet fi ħdan il-Kumitat ta' l-Istudji Ġudizzjarji u dawk li għalihom taħtarhom il-liġi".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 11 tal-Kodiċi.

4. L-artikolu 11 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"11. (1) Il-President ta' Malta għandu jassenja lil kull wieħed mill-Imħallfin billi jassenjalu l-qorti jew l-awla tal-qorti jew is-sezzjoni li fiha għandu ordinarjament joqgħod, u jista' jbiddel imħallef minn qorti jew awla jew sezzjoni ta' qorti għal oħra:

Iżda mħallef jista' jiġi assenjat li joqgħod ordinarjament f'iktar minn qorti waħda jew iktar minn awla jew sezzjoni waħda ta' qorti waħda jew aktar minn waħda.

(2) Il-President ta' Malta għandu wkoll is-setgħa li jissurroga mħallef fil-każ li titbattal kariga ta' mħallef.

(3) Meta iktar minn imħallef wieħed jiġi assenjat li joqgħod ordinarjament f'qorti, jew f'awla jew f'sezzjoni ta' qorti, it-tqassim ta' dmirijiet b'mod ġenerali bejn dawk l-imħallfin għandu jsir mill-Prim Imħallef, u r-reġistratur għandu jassenja l-kawżi u atti ġudizzjarji oħra lill-imħallfin kif ordnat mill-Prim Imħallef:

Iżda, ħlief meta każijiet jew atti ġudizzjarji huma assenjati skond direttivi ġenerali jew skond regoli magħmulin skond is-subartikolu (6), meta l-Prim Imħallef jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' kawża għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 734(1)(a), (b), (ċ), (d)(ii) u (iii), (e) u (g), l-assenjazzjoni ta' dak il-każ għandha ssir mill-Imħallef Anzjan Amministrattiv imsemmi fis-

subartikolu (11).

(4) Kull meta xi mħallef, ħlief il-Prim Imħallef, ikun rikużat jew xort'oħra legalment impedut, il-Prim Imħallef għandu jassenja mħallef ieħor biex jieħu konjizzjoni tal-kawża:

Iżda, ħlief meta każijiet jew atti ġudizzjarji huma assenjati skond direttivi ġenerali jew skond regoli magħmulin skond is-subartikolu (6), meta l-Prim Imħallef jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' kawża għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 734(1)(a), (b), (ċ), (d)(ii) u (iii), (e) u (g), l-assenjazzjoni ta' imħallef biex jieħu konjizzjoni ta' dak il-każ għandha ssir mill-Imħallef Anzjan Amministrattiv imsemmi fis-subartikolu (11).

(5) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 12(2), u ħlief fejn każijiet jew atti ġudizzjarji huma assenjati skond direttivi ġenerali jew skond regoli magħmulin skond is-subartikolu (6), meta l-Prim Imħallef jiġi rikużat jew xort'oħra legalment impedut, l-Imħallef Anzjan Amministrattiv imsemmi fis-subartikolu (11) għandu jassenja mħallef ieħor biex jieħu konjizzjoni tal-kawża.

(6) Il-Bord bis-Setgħa li jagħmel ir-Regoli stabbilit skond l-artikolu 29 jista' jagħmel regoli li jipprovdu għall-mod kif jiġu mqassma każijiet u atti ġudizzjarji oħra għall-finijiet tas-subartikoli (3), (4) u (5).

(7) Kull assenjazzjoni, tibdil jew surroga magħmulin mill-President ta' Malta, u kull tqassim ta' dmirijiet in ġenerali, u kull assenjazzjoni ta' każijiet bħala riżultat ta' rikuża jew astensjoni magħmula mill-Prim Imħallef jew, kif ikun il-każ, mill-Imħallef Anzjan Amministrattiv imsemmi fis-subartikolu (11), għandhom jitqiesu li jkunu ġew notifikati kif imiss u biżżejjed għall-finijiet kollha jekk jitwaħħal avviż dwarhom f'dak ir-reġistru li l-Ministru jista' jippreskrivi għal dan il-għan taħt l-artikolu 27 qabel jew malli jibda il-perijodu li fih dik l-assenjazzjoni, dak it-tibdil, dik is-surroga jew dak it-tqassim għandhom iseħħu.

(8) Ir-reġistratur għandu jżomm notament ta' l-avviżi kollha li jitwaħħlu skond l-aħħar subartikolu qabel dan u tad-data ta' meta jkunu twaħħlu.

(9) Meta tinqala' tilwima dwar jekk kawża jew att ġudizzjarju ieħor għandhom jiġu assenjati lil imħallef jew lil imħallef ieħor li jippresjedi fl-istess qorti jew fl-istess awla jew

sezzjoni tal-qorti, jew meta tinqala' tilwima dwar liema awla jew sezzjoni ta' qorti għandhom jittrattaw kawża partikolari jew att ġudizzjarju partikolari, il-kwistjoni għandha tintbagħat lill-Prim Imħallef li għandu, *in camera*, jiddeċiedi lil liema imħallef jew awla jew sezzjoni l-kawża jew l-att ġudizzjarju għandhom jiġu assenjati:

Iżda meta l-Prim Imħallef jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża jew dak l-att ġudizzjarju għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 734(1)(a), (b), (ċ), (d)(ii) u (iii), (e) u (g), id-deċiżjoni għandha tittieħed mill-Imħallef Anzjan Amministrattiv imsemmi fis-subartikolu (11).

(10) Meta aktar minn imħallef wieħed jiġi assenjat li joqgħod f'awla jew sezzjoni ta' qorti li ma tkunx qorti ta' l-appell, il-Prim Imħallef jista' jaħtar wieħed mill-imħallfin bħala President ta' dik l-awla jew sezzjoni; dik il-ħatra tkun għal żmien speċifikat jew sakemm hekk jinħatar imħallef ieħor. L-imħallef hekk maħtur għandu jaqdi dawk id-dmirijiet u funzjonijiet kif jistgħu jiġu assenjati lilu mill-Prim Imħallef jew kif jista' jkun previst b'xi liġi fis-seħħ f'dak iż-żmien.

(11) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u biex jaqdi d-dmirijiet elenkati f'dan l-artikolu, il-Prim Imħallef jinnomina Mħallef Anzjan Amministrattiv.".

Emenda ta' l-artikolu 12 tal-Kodiċi.

5. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

" (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 8, 9, 10 u 11(1) għandhom, *mutatis mutandis*, ukoll japplikaw għall-President tal-Qorti ta' l-Appell.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 15 tal-Kodici.

6. L-artikolu 15 tal-Kodici għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"15. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 8, 9, 10 u 11 għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għall-maġistrati; u r-referenzi għall-Imħallef Anzjan Amministrattiv fis-subartikoli (3), (4), (7) u (9) ta' l-artikolu 11 għandhom jitqiesu bħala referenzi għall-Maġistrat Anzjan imsemmi fl-artikolu 7(2).".

Emenda ta' l-artikolu 29 tal-Kodiċi.

7. L-artikolu 29 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu li ġej:

"(1) Għandu jkun hemm Bord, magħmul mill-Prim Imħallef, bħala president li jkollu wkoll *casting vote*, minn imħallef li ordinarjament iservi fil-Qorti ta' l-Appell u maġistrat li jiġu appuntati mill-President ta' Malta fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Prim Imħallef, mill-Avukat Ġenerali, mill-President tal-Kamra ta' l-Avukati u mill-President tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali, li jkollu l-funzjoni li jagħmel regoli, imsejħin Regoli tal-Qrati, għall-għanijiet imsemmija fis-subartikolu (2) jew f'xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem minn "Ir-Regoli tal-Qrati jistgħu b'mod ġenerali jintgħamlu" sa "iżda bla ħsara għas-sens ġenerali ta' dak imsemmi qabel -" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem li ġejjin:

"Ir-Regoli tal-Qrati jistgħu b'mod ġenerali jintgħamlu għal kull ħaġa li tolqot it-tmexxija tal-qrati u t-tmexxija tal-kawzi bil-għan li jassiguraw amministrazzjoni tal-ġustizzja xierqa u effiċjenti, u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għas-sens ġenerali ta' dak imsemmi qabel -";

(ċ) il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu li ġej:

"(a) sabiex jirregolaw it-tmexxija tal-qrati u sabiex jiżguraw iż-żamma ta' l-ordni u d-dekor fil-bini tal-qrati;";

(d) minnufih wara l-paragrafu (g) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(h) sabiex jistabbilixxu s-sessjonijiet tas-sena tal-qrati u l-ferjat fil-qrati superjuri u fil-qrati inferjuri, u għal ħwejjeġ anċillari u inċidentali għal dawk is-sessjonijiet u dak il-ferjat:"; u

(e) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (7), il-Prim Imħallef jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jittrasferixxi kull kawża minn qorti għal oħra:

Iżda fl-eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni l-Prim Imħallef għandu jiddiskuti l-kwistjoni ma' l-

imħallfin jew il-maġistrati interessati, jew waqt xi waħda mil-laqgħat imsejħa skond is-subartikolu (6) jew waqt laqgħa *ad hoc* miżmuma għal dan il-għan.".

Emenda ta' l-artikolu 34 tal-Kodiċi.

8. Fil-proviso ta' l-artikolu 34 tal-Kodiċi, minnufih wara l-kliem "minn tali sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiżdiedu "jew minn kull sezzjoni ta' l-istess Qorti Ċivili".

Emenda ta' l-artikolu 47 tal-Kodiċi.

9. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 47 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "sa l-ammont ta' ħamest elef lira" għandhom jidħlu l-kliem "sa l-ammont ta' għaxart elef lira".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 79 tal-Kodiċi.

10. L-artikolu 79 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"79. Ebda persuna ma tista' teżerċita l-professjoni ta' avukat mingħajr l-awtorità tal-President ta' Malta mogħtija b'*warrant* taħt is-Siġill Pubbliku ta' Malta.".

Emenda ta' l-artikolu 117 tal-Kodiċi.

11. (1) Fl-artikolu 117 tal-Kodiċi minflok il-kliem "Kull rikors ġuramentat jew mandat ieħor tal-qrati superjuri jinħarġu fl-isem tar-Repubblika ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "Kull mandat tal-qrati superjuri jinħareġ fl-isem tar-Repubblika ta' Malta".

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) jitqiesu li ġew fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2006:

Iżda kull proċedura li nbdiet wara l-1 ta' Jannar 2006 sad-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu ta' dan l-Att għandha tibqa' valida bħallikieku saret skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 117 tal-Kodiċi, kif emendat bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Emenda ta' l-artikolu 152 tal-Kodiċi.

12. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 152 tal-Kodiċi, minnufih wara l-kliem "u mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentata tar-rikors ta' appell" għandhom jidħlu l-kliem "u l-ħlas tal-kawtela"

Emenda ta' l-artikolu 166A tal-Kodiċi.

13. L-artikolu 166A tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1), minflok il-kliem "ħamest elef lira", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "għaxart elef lira, jew dik is-somma l-oħra li tista' tiġi stabbilita minn żmien għal żmien b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru"; u

(b) minnufih wara s-subparagrafu (ii) tas-subartikolu (5) tiegħu, għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn.".

14. Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi.

" (3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 156(1)(a), (b), u (ċ), (2) u (3) u ta' l-artikolu 159 jgħoddu għal dan ir-rikors ġuramentat.".

15. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 173 tal-Kodici, minflok il-kliem "dawk l-ordnijiet u direttivi jiġu komunikati mir-reġistratur ukoll b'ittra lill-avukati jew lill-prokuraturi legali tal-partijiet jew lill-partijiet innifishom" għandhom jidħlu l-kliem "dawk l-ordnijiet u direttivi jiġu komunikati mir-reġistratur ukoll b'ittra lill-avukati jew lill-prokuraturi legali tal-partijiet, liema ittra għandha tiġi mogħtija personalment lil dak l-avukat jew prokuratur legali, u, bil-posta, lill-partijiet innifishom".

Emenda ta' l-artikolu 173 tal-Kodici.

16. L-artikolu 195 tal-Kodici għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 195 tal-Kodiċi.

(a) il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(2) (a) Il-Qorti għandha -

(i) fl-ewwel smigħ ta' kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fil-Qorti fi grad ta' appell, tivverbalizza min huma dawk il-partijiet li huma notifikati bir-rikors, bir-rikors ġuramentat jew bir-rikors ta' l-appell skond il-każ u, jekk jirriżulta li jkun hemm xi partijiet li ma jkunux ġew notifikati, tagħti dawk l-ordnijiet kif jidhrilha xieraq biex isiru n-notifiki jew l-atti l-oħra meħtieġa; u

(ii) fl-ewwel smigħ ta' kemm l-istadju ta' qabel is-seduta u kif ukoll l-istadju tas-seduta, tippjana bil-quddiem, wara konsultazzjoni ma' l-avukati tal-partijiet, is-seduti kollha li għandhom jinżammu kif ukoll id-data proġettata tas-sentenza u tidderieġi wkoll il-partijiet dwar liema xiehda u sottomissjonijiet tistenna li jsiru f'kull seduta:

Iżda l-qorti tista', minħabba raġunijiet serji li għandhom jiġu espressament imsemmija fil-verbal tal-kawża jew minħabba raġunijiet ta' urġenza, tappunta xi seduti oħra u titlob kull xiehda jew sottomissjoni oħra li tqis xierqa.";

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Sakemm ma jkunx hemm regoli tal-qorti magħmulin skond l-artikolu 29, il-kawżi kollha għandhom jiġu appuntati fi żmien xahrejn u s-seduti għandhom jinżammu minn xahrejn għal xahrejn."; u

(ċ) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (6) tiegħu u, minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) (a) Meta kawża tkun ilha pendenti quddiem qorti partikolari għal tliet snin jew aktar, kull parti fil-każ tista', personalment, u mingħajr il-ħtieġa li tkun rappreżentata minn xi avukat, tagħmel rikors (liema rikors, madankollu, ma jkunx jifforma parti mill-atti tal-kawża) lill-Prim Imħallef fejn jintalab li, għas-semplici raġuni li l-kawża damet daqshekk, il-membru tal-ġudikatura li jippresjedi f'dik il-qorti jinbidel u li l-każ jiġi assenjat lil membru ieħor tal-ġudikatura; id-deċiżjoni tal-Prim Imħallef, li tittieħed *in camera*, tkun finali u konkluživa; u fejn isir assenjament bħal dan ma jkunx hemm bżonn ta' notifika dwar dak l-assenjament.

(b) Meta kawża tkun ilha pendenti għas-sentenza quddiem qorti partikolari għal tmintax-il xahar jew aktar, kull parti fil-każ tista', personalment, u mingħajr il-ħtieġa li tkun rappreżentata minn xi avukat, tagħmel rikors (liema rikors, madankollu, ma jkunx jifforma parti mill-atti tal-kawża) lill-Prim Imħallef għal dan il-għan, u l-Prim Imħallef jista', għas-semplici raġuni li s-sentenza damet daqshekk biex tingħata, jilqa' it-talba biex il-membru tal-ġudikatura li jippresjedi f'dik il-qorti jinbidel u biex il-każ għas-sentenza jiġi assenjat lil membru ieħor tal-ġudikatura; id-deċiżjoni tal-Prim Imħallef, li tittieħed *in camera*, tkun finali u konkluživa; u fejn isir assenjament bħal dan ma jkunx hemm bżonn ta' notifika dwar dak l-assenjament.

(ċ) Il-Prim Imħallef għandu jħejji rapport annwali dwar il-kawżi li jkunu ġew trasferiti skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (a) u (b), fejn jiġu specifikati r-raġunijiet possibbli għal dak id-dewmien, u għandu jibgħat ir-rapport lill-Kummissjoni dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Il-Kummissjoni għandha tieħu dik l-azzjoni kif jidhrilha xieraq skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kummissjoni dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, u għandha, fi żmien tliet xhur, tippubblika dak ir-rapport.". Kap. 369.

Pubblikazzjoni ta' regolamenti.

17. Ir-Regolamenti li jinsabu fl-Iskeda ta' dan l-Att għandhom

jiġu ppubblikati bħala regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 195 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

18. L-artikolu 218 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 218 tal-Kodiċi.

"218. Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet ta' lattur u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut:

Iżda il-Bord tar-Regoli maħtur skond l-artikolu 29 jista', permezz ta' Regoli tal-Qorti, jidderoga mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.".

19. Is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 223 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 223 tal-Kodiċi.

"(4) Fil-każijiet ta' appelli u ritrattazzjonijiet fiergħa jew vessatorji, il-Qorti ta' l-Appell jew il-Qorti Kostituzzjonali tista' tikkundanna lill-appellant li jħallas lill-appellat l-ispejjeż għal darbtejn.".

20. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 249 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 249 tal-Kodiċi.

"(1) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm ma' l-artikolu 209(1), u sakemm ma jiġix provdut mod ieħor f'xi liġi oħra, fil-każ ta' appell minn sentenzi jew digrieti mogħtija f'kawża mibdija b'rikors ġuramentat, il-garanzija għall-ispejjeż għandha ssir u tiġi depożitata fil-qorti fi żmien tnax-il xahar mid-data tan-notifika ta' l-ammont li għandu jiġi depożitat jew, jekk l-appell għandu jinstama' qabel tnax-il xahar min-notifika hawn imsemmija, mhux aktar tard minn jumejn mid-data stabbilita għas-smigħ ta' dak l-appell.".

21. L-artikolu 258 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 258 tal-Kodiċi.

"Tmexxija għall-esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv.

258. Wara -

(a) l-għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skond il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (a) , (ċ) u (d) ta' l-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' ġie esegwit; jew

(b) l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skond il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (a), (ċ) u (d) ta' l-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar seta' ġie esegwit; jew

(ċ) l-għeluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skond il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b), u (e) ta' l-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skond l-artikolu 166A seta' ġie esegwit,

l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.".

Emenda ta' l-artikolu 734 tal-Kodiċi.

22. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 734 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (g) tiegħu għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (h); u

(b) minnufih wara l-paragrafu (f) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) jekk l-avukat jew prokuratur legali li jkun qed jidher quddiem imħallef ikun hu jew oħt l-istess ġudikant;".

Emenda ta' l-artikolu 811 tal-Kodiċi.

23. L-artikolu 811 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bin-nota marġinali ġdida li ġejja: "Ritrattazzjoni ta' kawża deċiża."; u

(b) minflok il-kliem minn "Kawża deċiża b'sentenza" sa "għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:" għandhom jidħlu l-kliem "Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra

dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:".

24. (1) Fl-artikolu 876A tal-Kodiċi, minflok il-kliem "829 u 844" għandhom jidħlu l-kliem "829 sa 844". Emenda ta' l-artikolu 876A tal-Kodiċi.

(2) Mandati ta' inibizzjoni li saru qabel id-dħul fis-seħħ tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom jibqgħu fis-seħħ bħallikieku saru taħt id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi kif emendati bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

25. Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 925 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu li ġej: Emenda ta' l-artikolu 925 tal-Kodiċi.

"(a) jaġixxi fl-aħjar interess ta' min ikun ingħata l-benefiċċju ta' l-għajnuna legali, u ma għandu jitlob l-ebda forma ta' ħlas minn dik il-parti;".

26. Minnufih wara l-artikolu 925 tal-Kodiċi, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' l-artikolu 926 fil-Kodiċi.

"Kumpanniji m'humiex intitolati għall-benefiċċju ta' l-għajnuna legali. Kap. 386.

926. Kumpanniji reġistrati skond l-Att dwar il-Kumpanniji m'humiex intitolati għall-benefiċċju ta' l-għajnuna legali.".

27. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 1203 tal-Kodiċi Ċivili għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 1203 tal-Kodiċi Ċivili. Kap. 16.

"(1) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 381(1)(f), (g) u (h) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-tpaċija ma tistax issir bi ħsara tal-jeddijiet li jkunu ġew akkwistati minn terza persuna.". Kap. 12.

28. (1) L-Att li jirregola l-Qsim ta' Wirt huwa b'dan imħassar. Tħassir ta' l-Att li jirregola l-Qsim ta' Wirt. Kap. 308.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), kull kawża li hemm pendenti quddiem it-Tribunal ta' Arbitraġġ dwar il-Qsim ta' Wirt għandha tibqa' tinstema' quddiem dak it-Tribunal sas-sentenza finali.

Emenda ta' l-artikolu 50 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili u emendi konsegwenzjali fl-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
Kap. 234.
Att XIV ta' l-2006.

29. (1) Il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 50 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) spejjeż ġudizzjarji sabiex isir il-bejgħ tal-bastiment u l-qsim tal-prezz li jġib kif ukoll l-ispejjeż imsemmijin fl-artikolu 867(5) sa (11) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jintnefqu mill-Awtorità Marittima ta' Malta fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha skond l-artikolu 867 ta' l-imsemmi Kodiċi jew li jintnefqu mill-persuna li favur tagħha jkun inħareġ il-mandat ta' arrest ta' bastiment, ukoll skond id-disposizzjonijiet ta' l-istess artikolu 867;".

(2) Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 866 ġdid tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif dan l-artikolu ġdid ġie miżjud bl-artikolu 100 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu li ġej:

"(2) Il-mandat huwa eżegwit għall-effetti kollha tal-liġi man-notifika ta' l-uffiċjal eżekuttiv ta' l-awtorità li f'idejha jew taħt is-setgħa jew kontroll tagħha tinsab il-biċċa tal-baħar.".

(3) L-artikolu 867 ġdid tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif dan l-artikolu ġdid ġie miżjud bl-artikolu 100 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) L-ispejjeż kollha li jkunu meħtieġa għall-preservazzjoni tal-vapur jew bastiment arrestat għandhom, mill-mument meta l-mandat ta' arrest jiġi notifikat lill-Awtorità Marittima ta' Malta, jitħallsu mill-parti li toħroġ il-mandat, mingħajr ħsara għad-dritt li tiġbor lura dawk l-ispejjeż flimkien mal-pretensjoni tiegħu."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(6) Fi żmien sebat ijiem mill-ħruġ tal-mandat ta' arrest tal-vapur jew bastiment, l-Awtorità għandha tibgħat bil-posta reġistrata, lill-persuna li favur tagħha jkun inħareġ il-mandat ta' arrest, talba fil-forma ta' fattura li jkun fiha stima, li tkopri perjodu ta' tliet ġimgħat, ta' l-ispejjeż li huma maħsuba li jkunu meħtieġa għall-preservazzjoni tal-vapur jew bastiment arrestati.

(7) Il-persuna li favur tagħha jkun inħareġ il-mandat ta' arrest tkun marbuta li tipprovdi lill-Awtorità, fi żmien erbatax-il ġurnata minn meta tirċievi dik it-talba, sigurtà, fil-forma jew ta' flus kontanti jew garanzija bankarja, biex tiggarantixxi il-ħlas ta' dik il-fattura.

(8) Fil-każ li dak il-kreditur jonqos milli jħallas lill-Awtorità dik is-somma fi flus kontanti jew jonqos milli jipprovdi l-garanzija fiż-żmien stipulat, l-Awtorità tista' tagħmel rikors għall-ħruġ ta' kontro-mandat, f'liema każ dak il-mandat għandu jieqaf milli jkollu saħħa u effett, u dan mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' l-Awtorità biex tiġbor mill-kreditur kull ammont dovut lilha, li l-Awtorità tkun nefqet fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tagħha skond dan l-artikolu.

(9) Fil-każ li, wara li tkun tħallset il-fattura li jkun fiha l-istima, il-persuna li favur tagħha jkun inħareġ il-mandat tagħmel kontro-mandat li jippermetti li jitlaq il-bastiment, l-Awtorità għandha, fi żmien erbatax-il ġurnata, tirrifondi lil dik il-persuna d-differenza bejn l-ispejjeż li l-Awtorità attwalment nefqet matul il-perjodu li fih ikun inżamm il-bastiment u l-ammont li jkun tħallas minn dik il-persuna.

(10) Jekk ġimgħa qabel ma jiskadi l-perjodu ta' tliet ġimgħat fuq imsemmi jkun jidher li l-bastiment ser jibqa' taħt arrest għal aktar mill-perjodu ta' tliet ġimgħat kopert bl-ewwel fattura, l-Awtorità għandha toħroġ fattura oħra għal perjodu ieħor ta' tliet ġimgħat u għandha tkompli toħroġ fatturi oħra li jkopru perjodi oħra ta' tliet ġimgħat jekk ġimgħa qabel ma jiskadi l-perjodu rilevanti ta' tliet ġimgħat ikun jidher li l-bastiment ser jibqa' f'Malta. Fi żmien erbatax-il ġurnata minn meta tirċievi l-fatturi oħra maħruġa mill-Awtorità, il-persuna li favur tagħha jkun inħareġ il-mandat ta' arrest għandha tipprovdi s-sigurtà stipulata fis-subartikolu (7), u fin-nuqqas ta' dan l-Awtorità tista' tirrikorri għar-rimedju msemmi fis-subartikolu (8).

(11) Fil-każijiet fejn il-fatturi jinħarġu għal perjodi oħra ta' tliet ġimgħat kif indikat fis-subartikolu (10), segwiti mill-ħlas ta' dawk il-fatturi mill-persuna li favur tagħha jkun inħareġ il-mandat, u l-persuna li favur tagħha jkun inħareġ il-mandat tagħmel kontro-mandat li fih il-qorti tintalab tirrilaxxa l-bastiment mill-arrest, l-Awtorità għandha fi żmien erbatax-il ġurnata tirrifondi lil

dik il-persuna d-differenza bejn l-ispejjeż li l-Awtorità attwalment nefqet matul il-perjodu li fih ikun inżamm il-bastiment u l-ammont li jkun tħallas minn dik il-persuna.".

(4) Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 872A ġdid tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif dan l-artikolu ġdid ġie miżjud bl-artikolu 100 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu li ġej:

"(3) Wara li jkun sar l-arrest ta' vapur jew bastiment f'xi port f'Malta u meta jsir rikors mill-Awtorità Marittima ta' Malta, qorti tista', jekk tkun sodisfatta li minħabba fix-xorta tal-merkanzija jew it-tul jew il-pixka tiegħu u, jew ċirkostanzi oħra li jolqtu s-sigurtà, it-tniġġiż, in-navigazzjoni jew manuvrar fil-port, ikun jaqbel li l-vapur jew il-bastiment jitlaq mill-port mingħajr dewmien, tordna li l-vapur jew bastiment għandu jiġi mċaqlaq minn dak il-port lejn xi ankraġġ ieħor fl-ibħra territorjali.".

Emendi għal diversi artikoli ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
Att XIV ta' l-2006.

30. (1) L-artikolu 15 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "wara l-artikolu 293" għandhom jidħlu l-kliem "wara l-artikolu 304", u minflok il-kliem "l-artikoli 294 sa 300 ġodda" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 305 sa 311 ġodda"; u

(b) in-numri ta' l-artikoli ġodda 294, 295, 296 297, 298, 299 u 300, kif kontenuti fl-imsemmi artikolu 15, għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 305, 306, 307, 308, 309, 310 u 311, rispettivament.

(2) L-artikolu 17 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "wara l-artikolu 300" għandhom jidħlu l-kliem "wara l-artikolu 311", u minflok il-kliem "l-artikoli 301 sa 312 ġodda" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 312 sa 312K ġodda";

(b) in-numri ta' l-artikoli ġodda 301, 302, 303, 304, 305, 306, 307, 308, 309, 310, 311 u 312, kif kontenuti fl-imsemmi artikolu 17, għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 312, 312A, 312B, 312Ċ, 312D, 312E, 312F, 312G, 312H, 312I, 312J u 312K, rispettivament;

(ċ) fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 312B, kif enumerat

mill-ġdid, minflok il-kliem "fl-artikolu 309" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 312K";

(d) fl-artikolu 312H, kif enumerat mill-ġdid, inkluża fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "l-artikoli 297 u 300" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 308 sa 311"; u

(e) fis-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 312J, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "l-artikolu 310" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 312I".

(3) Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 315 ġdid tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif dan l-artikolu ġdid ġie miżjud bl-artikolu 22 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, minflok il-kliem "l-artikoli 297, 300 u 357" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 308, 311 u 312F".

(4) Fl-artikolu 388Ċ ġdid tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif dan l-artikolu ġdid ġie miżjud bl-artikolu 74 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, minflok il-kliem "l-artikoli 858 u 860" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 868 u 870".

(5) Fl-artikolu 845 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif dan l-artikolu ġie sostitwit bl-artikolu 90 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, minflok il-kliem "l-artikoli 278, 279 u 282" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 275, 276 u 279".

(6) L-artikolu 846 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif dan l-artikolu ġie sostitwit bl-artikolu 91 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "fl-artikolu 276" fis-subartikolu (1) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 282"; u

(b) minflok il-kliem "l-artikoli minn 278 sa 304" fis-subartikolu (3) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli minn 275 sa 293".

Emenda ta' l-artikolu 865 tal-Kodiċi kif emendat bl-artikolu 100 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
Att XIV ta' l-2006.

31. Fl-artikolu 865 ġdid tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif dan l-artikolu ġdid ġie miżjud bl-artikolu 100 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, minflok il-kliem "Mandat ta' arrest" għandhom jidħlu l-kliem "Mandat ta' arrest kawtelatorju".

Emenda ta' l-artikolu 107 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
Att XIV ta' l-2006.

32. L-artikolu 107 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu; u

(b) minnufih wara l-proviso tas-subartikolu (1), kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Mhuwiex meħtieġ li jiġu prorogati l-mandati ta' sekwestru eżekuttivi, kif dawn kienu fis-seħħ qabel ma ġew fis-seħħ id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att. Id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jitqiesu li ġew fis-seħħ fl-24 ta' Ottubru, 2006.".

Tħassir ta' l-artikolu 98 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
Att XIV ta' l-2006.

33. L-artikolu 98 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 100 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
Att XIV ta' l-2006.

34. L-artikolu 100 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif dak l-artikolu ġie emendat bl-artikolu 29 ta' dan l-Att, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "l-artikoli 855 sa 872Ċ ġodda" għandhom jidhlu l-kliem "l-artikoli 855 sa 865 ġodda";

(b) l-artikoli 855 sa 864 preżenti għandhom jitħassru;

(ċ) il-kliem "Sub-titolu VI" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Sub-titolu V"; u

(d) l-artikoli preżenti 865, 866, 867, 869, 870, 871, 872, 872A, 872B u 872Ċ għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 855, 856, 857, 858, 859, 860, 861, 862, 863, 864 u 865 rispettivament.

35. Il-paragrafu (h) ta' l-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif dan l-artikolu ġie sostitwit bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandu jitħassar u l-paragrafi (i) u (j) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (h) u (i) rispettivament.

Emenda ta' l-artikolu 273 tal-Kodiċi, kif emendat bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Att XIV ta' l-2006.

36. L-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu jitħassar.

Tħassir ta' l-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Att XIV ta' l-2006.

"SKEDA

(Artikolu 17)

A.L. ta' l-2007

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI
(KAP. 12)

Regolamenti ta' l-2007 dwar Smigħ ta' Kawżi ta' Diviżjoni ta' Proprjetà u ta' Suċċessjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 195 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2007 dwar Smigħ ta' Kawżi ta' Diviżjoni ta' Proprjetà u ta' Suċċessjoni.

Titolu.

2. Kawża li jkollha x'taqsam ma' diviżjoni ta' proprjetà u suċċessjoni għandha, meta tkun appuntata għas-smigħ, sakemm ma hemmx provdut mod ieħor fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tibqa' tinstama' mingħajr waqfien sakemm tiġi konkluża.

Kawża dwar diviżjoni ta' proprjetà u suċċessjoni tinstama' mingħajr waqfien. Kap. 12.

3. Xejn f'dawn ir-regolamenti ma jżomm il-qorti milli tiddeċiedi kawża fil-ġurnata msemmija fir-rikors meta l-konvenut ma jopponix it-talba inkella meta l-qorti hija sodisfatta li l-attur m'għandu ebda jedd jew li l-konvenut m'għandu ebda eċċezzjoni

Deċiżjoni ta' kawża fil-ġurnata msemmija fir rikors.

tajba x’jagħti.

Differimenti.
Kap. 12.

4. Id-differiment ta’ kawża ma jingħatax ħlief biex titħares xi proċedura stabbilita fil-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew, f’ċirkostanzi eċċezzjonali, skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 5.

Ċirkostanzi eċċezzjonali.

5. Kawża tista’ tiġi differita f’ċirkostanzi eċċezzjonali biss jekk il-qorti tkun sodisfatta li dawk iċ-ċirkostanzi jkunu jeżistu u hekk tiddikjara fid-digriet li bih tordna d-differiment u fejn tispeċifika dawk iċ-ċirkostanzi, u biss fuq rikors ippreżentat mill-parti li titlob id-differiment mhux iktar tard minn jumejn tax-xogħol qabel id-data li fiha l-kawża tkun għas-smigħ jew, jekk ir-raġuni tad-differiment tinqala’ wara li jgħaddi l-imsemmi żmien kemm jista’ jkun malajr wara; u r-rikors għandu jispeċifika bid-dettall iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw it-talba u għandu jiġi konfermat bil-ġurament mir-rikorrent jew, jekk ir-rikorrent ikun nieqes minn Malta jew xort’oħra ma jkunx jista’ jikkonferma r-rikors personalment, mill-avukat li jiffirma r-rikors li għandu f’dak il-każ jikkonferma wkoll bil-ġurament li r-rikorrent ma setax jikkonfermah hu nnifsu.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 540 tad-19ta’ Ġunju, 2007.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
CSkrivan tal-Kamra tad-Deputati